# ĠUŻÈ MUSCAT AZZOPARDI, poeta u rumanzier (1853-1927)

Ġużè Muscat Azzopardi (ĠMA) twieled Ħal Qormi fl-1 ta' Settembru 1853. Studja s-Seminarju tal-Imdina u fl-Università ta' Malta fejn ħa d-diploma ta' prokuratur legali fl-1875. Iżżewweġ lil Tonina Fenech u kellu tlett itfal: Ivo (kittieb), Ġino (kittieb) u Anton (kompożitur). Peress li Muscat Azzopardi kien avukat li jispikka laħaq President tal-Kamra tal-Prokuraturi Legali u kien membru tal-*Giunta Teatrale* tal-Gvern. B'ħerqa kbira kien jippromwovi d-drama Maltija u kien l-editur ta' diversi perjodiċi fosthom **In-Naħla Maltija** (1878) u **Il-Ħabib** (1911), u kkontribbwixxa wkoll f'publikazzjonijiet oħra bħal **Id-Dawl** (1892) u **Il-Ħabbar Malti**. Kien hu li, flimkien ma' Mons. Pawl Galea ħajjar lil Dun Karm jibda jikteb bil-Malti fl-1912.



ĠMA kien membru fil-Kunsill tal-Gvern u waqqaf l-Għaqda Kittieba tal-Malti (li aktar tard saret l-Akkademja tal-Malti). Fl-1920 ġie elett bħala l-ewwel president tagħha, kariga li baqa' jżomm sa mewtu. Fl-1924 sar l-ewwel editur ta' **Il-Malti**, il-ħarġa perjodikali tal-għaqda. Għall-kitbiet u l-attivitajiet reliġjużi tiegħu, ġie onorat darbtejn mill-Papa Piju X. L-ewwel kitba tal-proża tiegħu kienet **Il-Ħajja ta' San Ġorġ** (1874), li kienet traduzzjoni mit-Taljan. Hu kien involut b'mod attiv fil-ħajja soċjo-kulturali, tant li fl-1875, fl-età żagħżugħa ta' 22 sena nsibuh imniżżel bħala Segretarju tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi. Ħames snin wara, fl-1880, huwa kiteb il-versi tal-ewwel innu f'ġieħ San Ġorġ, il-Qaddis patrun tar-raħal. Kien ukoll President tal-istess Soċjetà mill-1906 sa l-1917.

Muscat Azzopardi spikka wkoll bħala rumanzier. Fost ir-rumanzi storiċi tiegħu nsibu **Toni Bajjada** (1878), **Mattew Callus** (1878), **Vicu Mason** (1881), **Susanna** (1883), **Ċejlu Tonna** (1886), **Ċensu Barbara** (1893) u **Nazju Ellul** (1909). Fir-rumanzi l-istorja issir indikazzjoni tal-ġejjieni u r-rumanzier iħallat valuri nazzjonalistiċi mal-istorja vvintata.

ĠMA kien ukoll poeta mirqum. Ħafna mill-poeżiji tiegħu jinstabu f'**Ġabra ta' Poeżiji bit-Taljan u bil-Malti** (1876), **Ħamsin poeżija bil-Malti** (1890) u **Ġabra sħiħa ta' Sunetti bi Studju fuqhom tal-Kittieb Innifsu** (1956). ĠMA miet fl-4 t'Awissu 1927, il-Belt Valletta.

***lehhilmalti@gmail.com*** — ***LEĦĦ IL-MALTI*** — ***lehhilmalti@gmail.com***

# Nistaqsi biex nikteb Malti sew

## X'nikteb ***timlih*** jew **timlieh**?



Għandek tikteb **timlieh.** F'każi bħal dawn għandna għaqda bejn **Verb** u **Pronom Mehmuż**. Issa l-verb ***mela*** huwa verb nieqes (jew l-aħħar konsonanti tal-Għerq tiegħu hija dgħajfa: **1-2-J**) u l-verbi neqsin fl-Imperfett (Preżent) jispiċċaw uħud bil-vokali ***–a*** u wħud b'***-i***. Jekk għal mument tifred il-Pronom minn mal-Verb, mill-ewwel tinduna jekk il-verb jispiċċax bil-vokali ***–a*** jew b'***-i***, u minn hemm tkun taf kif għandek tikteb.

- Jekk il-verb (mifrud mill-pronom) jispiċċa bil-vokali ***–a***, din issir ***–ie-***.
- Jekk il-verb (mifrud mill-pronom) jispiċċa bil-vokali ***–i***, din tibqa' ***–i-***.

Għalhekk issa nifred il-verb mill-pronom mehmuż (= ***timla*** + ***lilu***), ninnota biex jispiċċa l-verb (= ***-a***) u la, skont ir-regola, ***–a*** ssir ***–ie-***, nikteb ***timlieh.***

Xi eżempji oħra: ***iksihom*** (għax ***iksi lilhom***) // ***insieha*** (għax ***insa lilha***)
***ilbieraħ ippretendieh*** (għax ***ippretenda lilu***) // ***illum nippretendih*** (għax ***nippretendi lilu***).



**leħħ il-Malti**

nitgħallmu u nikbru flimkien fit-tagħlim tal-lingwa Maltija

**Folja elettronika b'tagħrif lingwistiku, ortografiku, grammatikali u kulturali dwar il-lingwa Maltija maħruġa mid-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Kulleġġ San Injazju sabiex il-lingwa tagħna tingħata l-valur li jistħoqqilha. Kull suġġeriment u/jew diffikultà huma ġentilment milqugħa fuq *lehhilmalti@gmail.com***